

Anton Attard

# Minn Ġrajjet il-Banda 'Prince of Wales Own'

## Mitt sena minn dilemma li qalgħet l-inkwiet

Il-qagħda politika f'Malta fil-bidu tas-Seklu Għoxrin kienet waħda mqanqla mhux ħażin. Dik li baqgħet magħrufa fl-istorja bħala "l-kwistjoni tal-lingwa", bejn dik Ingliża u dik Taljana, fl-użu u t-tagħlim tal-waħda jew l-oħra fil-Gżejjer tagħna, kienet sħuna ġmielha. Meta l-membri eletti fil-Kunsill tal-Gvern, wara ġlied, elezzjonijiet, riżenji u elezzjonijiet ġodda, m'għaddewx il-Vot ta' l-Edukazzjoni, f'Ġunju ta' l-1903, il-Gvern Ingliż irtira l-Kostituzzjoni u ssostitwiha b'oħra, li kienet kuntrarja għal dak li kienu jistennew il-politiċi Maltin. U għalhekk, tista tgħid li nħolqot ukoll kriżi kostituzzjonali.[1] Dan wassal biex sezzjoni politika, speċjalment dik ta' l-hekk magħruf Moviment Anti-Riformista, bdew serje ta' protesti, fosthom *meetings* pubbliċi. L-attendenza numeruża għal dawn kienu jqisuha ta' importanza mhux żgħira bħala xhieda tas- sapport li jgawdu fost il-poplu għat-talbiet tagħhom u għalhekk, kienu jagħmlu li jistgħu biex din tkun kbira u rappreżentattiva kemm jista jkun.

## Appell Ġenerali

Wieħed minn dawn il-*meetings* kien programmat li jsir fil-bidu ta' Awissu 1904 – bħal daż-żmien mitt sena. L-organizzaturi li kienu l-Avukat Andre' Pullicino, Paolo Sammut, il-Prokuratur Legali Francesco Azzopardi, l-Avukat Benjamin Bencini, Salvatore Cachia Zammit, Francesco Wettinger, Alfredo Micallef u l-Avukat Fortunato Mizzi, mixtieqa għal sapport vast kemm jista jkun, fid-19 ta' Ġunju ta' dik is-sena, bagħtu appell lil diversi Korpi Kostitwiti, inklużi Għaqdiet ta' kull xorta, ordnijiet reliġjużi, kappillani u kleru tal-parroċċi Maltin u Għawdxin u ma' dawn kollha lill-każini tal-banda. Dawn ġew mitlubin biex, bħala turija ta' appoġġ, jibgħatu rappreżentanza bl-istendardi tagħhom fuq il-palk tal-kelliema, fejn kellu jkun hemm postijiet riservati għalihom.[2]

It-tweġibiet għall-appell tal-politiċi bdew deħlin wara ftit jiem. Minn ta' l-ewwel kien hemm dawk ta' wħud mill-kappillani. Fosthom kien hemm min ikkonferma l-parteċipazzjoni tiegħu filwaqt li oħrajn jidher li farfru, billi stqarrew li l-parroċċa tagħhom ser tkun rappreżentata mis-Sur Alfons M. Galea.[3]

Xi Soċjetajiet bdew iwieġbu wkoll u l-Każini tal-baned anqas baqgħu lura. Ġeneralment dawn ikkonfermaw il-preżenza tagħhom. Iżda wara ftit, uħud minnhom, wara li raw kif

sviluppat is-sitwazzjoni u ntebħu bir-riperkussjonijiet mhux mixtieqa li l-parteċipazzjoni tagħhom setgħet iġġib fuqhom, ħasbuha darbtejn u rtiraw l-appoġġ li wiegħdu. Ir-raġuni li taw kienet li ma xtaqux jinvolvu s-Soċjetà tagħhom fil-politika. Fost dawn kien hemm il-Baned King's Own tal-Belt, Queen's Own ta' l-Isla, L'Isle Adam tar-Rabat u dik li l-aktar tinteressa lilna – il-Prince of Wales Own tal-Birgu.[4] Minħabba f'hekk, din il- Banda għaddiet minn jiem ta' nkwiet li ħareġ fil-pubbliku permezz tal-kontribuzzjonijiet polemikużi, rapporti u kjarifiki li dehru f'uħud mill-ġurnali ta' dak iż-żmien.

## L-Ewwel Tweġiba

L-ewwel tweġiba tal-Kumitat għall-appell tal-politiċi ngħatat permezz ta' ittra li, skond l-użanza ta' dak iż-żmien, inkitbet bit-Taljan, fit-22 ta' Lulju 1904, iffirmata mis-Segretarju, in-Nutar Salvatore Cauchi. Maqluba għall-Malti kienet din:

*22 ta' Lulju 1904*
*Soc. Fil. Prince of Wales Own*
*Vittoriosa*

*Sinjuri,*

*Ninsab inkarigat mill- Kumitat ta' din il-Filarmonika li nikkonferma l-appoġġ tiegħu għall-meeting propost. Inħass id-dmir li dakinhar inkunu rappreżentati minn żewġ delegati bl-istendardi tas-Socjetà.*

*Għandi l-unur li nkun*
*Serv umilissimu*
*Nutar S. Cauchi*

*Lis-Sinjuri Dott. Andre' Pullicino, P.Sammut u oħrajn inkarigati mill-Meeting.*[5]

Din l-ittra kienet intbgħatet wara deċizjoni li ħa l-Kumitat f'seduta li nżammet fit-12 ta Lulju, li għaliha la kien preżenti l-President, Dr. Gian Felic Inglott u anqas is-Segretarju, in-Nutar Salvatore Cauchi.[6]

## F'Salib it-Toroq

Ġara li Dr. Gian Felic Inglott, President ta' l-Għaqda ma ġiex infurmat bis-seduta li fiha ttieħdet id-deċiżjoni ta' parteċipazzjoni. Mill-Kotba tal-Minuti, tintebaħ li Dr. Inglott kważi qatt ma kien jattendi fil-kumitat. Is-seduti kienu jitmexxew mill-Viċi- President, is-Sur Tonin Bezzina. L-istess jista jingħad għas-Segretarju, in-Nutar Salvatore Cauchi, li kien inħatar f'din il-kariga fis-Seduta Generali li nżammet fl-24 ta' Settembru 1901.

Skond ma ħareġ aktar tard, waqt laqgħa li Dr. Inglott kellu mal-Gvernatur Sir Charles Mansfield Clark, inġibditlu l-attenzjoni li l-parteċipazzjoni ta' l-Għaqda tiegħu fil-meeting propost aktarx twassal li jiġi rtirat il-patroċinju tal-Prinċep ta' Wales għall-Banda. Konsegwenza ta' dan, kompla, aktarx ikun hemm il-probabbiltà li jiġi rtirat il-permess li l-bandisti jilbsu l-uniformi kważi militari li kellhom u , fl-istess ħin, jiġi nnegat lilha d-dritt li tibqa timmarċja wara l-istendard tal-Princep ta' Wales.[7]



*Tonin Bezzina*

Il-pressjoni fuq Dr. Inglott kompliet mill-Ammirall tat-Tarzna Lacon Hammet li, sentejn qabel, kien intalab u aċċetta l-kariga ta' President Onorarju tal-Banda. Kariga li kienet siewja biex tiffaċilita l-impjieg ta' wħud mill-bandisti fit-Tarzna jew imkejjen oħra mal-Flotta Ingliża. Dan kien kiteb lil Dr. Inglott biex jinfurmah li jekk l-Għaqda Filarmonika Prince of Wales Own tieħu parti fi protesti kontra l-Gvern, hu jkun kostrett li jirriżenja mill-kariga onorarja li għandu fl-Għaqda.[8]

Jekk l-organizzaturi tal-Meeting kienu qed iħabirku biex dan jirnexxi kemm jista jkun, l-Amministrazzjoni Kolonjali, mill-banda l-oħra, kienet qed tagħmel minn kollox biex tisfrattah. Minbarra dan it-theddid esklussivament lill-Banda Prince of Wales Own, indirizzat lilha permezz ta' Dr. Inglott, din, flimkien mal-baned l-oħra Maltin inġiebu f'qagħda prekarja għall aħħar, permezz ta' mezzi intimidatorji oħra.

Ċirkulari Nru.12 maħruġa bl-Ingliż mill-Uffiċċju tal-Lt. Governor kienet din:

*Lt. Governor's Office*
*19th July 1904*

*Heads of Departments are requested to forward to this Office, as early as possible, returns showing the names of persons in their Departments who belong to any of the Civic Bands, either as musicians or in any other capacity whatsoever, and the name of the Bands to which they belong.*

*Nil Returns should be forwarded by those Departments in which there are no persons belonging to Bands.*

*By Command*
*E.M. Merewether*
*Lt. Governor and Chief*

*Secretary to Govt.*[9]



***Konferma li t-Tabib Ġann Feliċ Inglott ġie rreġistrat bħala soċju tal-Banda Queen's Own.***

Fid-29 ta' l-istess xahar, Merewether kellu dak li xtaq. Lista li kienet tiġbor fiha 185 ruħ – bandisti, surmastrijiet, membri fil-kumitati u soċi ta' diversi baned. Mill-Banda Prince of Wales Own ma rriżulta li kien hemm ħadd, għajr Dott Inglott. Kurjuż il-fatt iżda, li dan ma ġiex reġistrat bħala President tal- Banda Prince of Wales, imma bħala soċju tal-Banda Queen's Own.[10]

Sadanittant, fil-Kunsill tal-Gvern ġie deċiż ukoll li l-Kapijiet tad-Dipartimenti tal-Gvern, kellhom jiġu infurmati kunfidenzjalment, biex iwissu lill-dawk l-impjegati pensjonabbli, li

huma, bl-erbda mod, ma jistgħu jieħdu sehem f'dimostrazzjonijiet pubbliċi. Ċirkulari f'dan is-sens kienet inbgħatet lill-Kapijiet fil-1 ta' Awissu.[11]

Dawn il-miżuri mill-Amministrazzjoni Kolonjali jidher li laħqu l-għan tagħhom tant, li fil-ġurnal *Malta Tagħna*, li kien qed juri sapport sħiħ għall-*meeting* propost, kien deher dan il-kumment:

> *Skond regolament antik u li tfakkar f'dawn il-ġranet, l-impjegati tal-Gvern ma setgħux jieħdu sehem f'xi moviment kontra l-Gvern. Aħna żguri li dawk li jieħdu sehem fil-meeting ikeċċuhom u ma nistgħux inlumu lil dawk li, biex ma jitilfux l-impjieg u jmutu bil-ġuħ huma u l-familji tagħhom, iddikjaraw li ma jiħdux parti fil-meeting.*[12]

## It-Tabib Inglott Jieħu Passi



Ġann Feliċ Inglott

Mistoqsija li saret f'dawk il-jiem u li baqgħet mingħajr tweġiba kienet jekk ir-reazzjoni ta' Dr. Inglott saretx qabel jew wara l-laqgħa tiegħu mal-Gvernatur u l-ittra li rċieva mingħand Lacon Hammet. Iżda l-fatt jibqa li ħa l- passi li dehrulu l-aktar xierqa f'dik is-sitwazzjoni u li wasslu għal fejn xtaq hu.

Meta sar jaf mill-ġurnali bid-deċiżjoni tal-kumitat, ipprotesta bil-qawwa, anzi, skond l-aġent segretarju, kien bagħat ir-riżenja tiegħu. Ir-raġuni li ta kienet li ma kienx avżat bil-laqgħa tal-kumitat. Fl-istess ħin, insista li deċizjoni daqstant importanti kellha tittieħed f'Laqgħa Ġenerali. Aktar tard, mar il-każin, ġabar kemm seta' madwaru soċi u bandisti u tarrfilhom dak kollu li kien għadda bejnu u bejn il-Gvernatur u l-ittra li rċieva mingħand l-Ammirall Lacon Hammet.

Jidher li dak li svela Dr. Inglott xejn ma niżel tajjeb ma' dawk preżenti, tant li ssejħet Laqgħa Generali għad-29 ta' Lulju biex fiha tittieħed deċiżjoni finali. Minħabba li wara nħasset aktar urġenza, din il-Laqgħa tressqet il quddiem b'jumejn, u saret fis-27 tax-xahar. Id-deċiżjoni li ttieħdet fil-laqgħa narawha minn ittra bit-Taljan li nbgħatet lill-organizzaturi tal-*meeting*.

*HRH Prince of Wales Own Band*
*Vittoriosa*
*27 ta' Lulju 1904*

*Sinjuri,*

*Għandi l-unur ninfurmakom li, wara l-ittra mibgħuta mill-kumitat ftit jiem ilu, il-President ta' din is-Socjeta irriżenja. Ir-raġuni kienet li ma ġiex avżat bil-laqgħa li fiha ttieħdet id-deċiżjoni. Huwa sostna wkoll li, materja ta' daqstant importanza kellha tiġi diskussa f'Laqgħa Ġenerali.*

*F'Laqgħa General, li ltaqgħet illum, ġie deċiż unanimament li m'għandna nieħdu ebda sehem fil-meeting li ser isir.*

*B'hekk, id-deċiżjoni li kien ħa l-Kumitat qabel, issa ġiet irtirata.*

*Għandi l-unur li nkun*
*Serv tagħkom*
*Ġ. Zammit,*
*Aġent Segretarju.*[13]

## Protesti u Riżenji

Tinnota li din l-ittra ħarget iffirmata mill- aġent segretarju. Għaliex? Dan insiru nafuh minn ittra mibgħuta lil Dr. Inglott, min- Nutar Salvatore Cauchi, segretarju ta' l-Għaqda u firmatarju ta' l-ewwel ittra:



In-Nutar Salvatore Cauchi

*Bormla*

*29 ta' Lulju 1904*

*Sinjur,*

*Mill-ġurnal "Gazzetta di Malta" tat-28 ta' dan, sirt naf li l-Banda Prince of Wales reġġgħet lura l-ittra ffirmata minni, bid-deċizjoni meħuda qabel, li nieħdu sehem fil-meeting propost.*

*Filwaqt li niddeplora dan l-għemil, magħmul l-aktar għal raġunijiet differenti minn dawk li ssemmew fit-tieni ittra, ġejt kostrett li nagħti r-riżenja tiegħi minn segretarju ta' l-Għaqda.*

*Għandi l-unur li nkun*
*Serv devotissimu tiegħek*
*Nutar S. Cauchi*

*Lis-Sinjur Dr. G.F. Inglott*
*President tal-Banda Prince of Wales Own.*[14]



G. Degiovanni

Membru prominenti ieħor fil-Każin li għamel bħan-Nutar Cauchi u rriżenja minn soċju kien is-Sur G. Degiovanni. Il-protesta u l- ittra ta' riżenja tiegħu dan kien għamilhom pubbliċi billi xandarhom ukoll fil-ġurnal *Malta e sue Dipendenze*. Dawn gew ippublikati fl-istess ħarġa li fiha dehret dik tan-Nutar Cauchi.

Fl-ittra tiegħu ikkontesta l-unanimità tad-deċiżjoni billi stqarr li hu ma kienx preżenti, għax filwaqt li rċieva c-Cirkulari għal Seduta Generali fid-29 tax-xahar, sostna li ma rċeviex oħra biex tinformah li din kienet tressqet b'jumejn il quddiem.

## *Meeting* f'Ġurnata Maltemp

Għall-istorja tajjeb naraw kif spiċċa dan il-*meeting* li qanqal daqstant inkwiet lill-Għaqda Filarmonika Prince of Wales Own. Dan kien programmat li jsir fis-7 ta Awissu, iżda tħassar minħabba l-festa ta' San Gejtanu, fil-Ħamrun. Għalhekk ħallew l-istaġun tal-festi jgħaddi u tħalla għas-16 ta' Ottubru. Kien sar barra l-Bieb tal-Bombi, fit-3.30pm.

Dakinhar sebħet ġurnata maltemp, kollha xita. Iżda meta qorob ħin il-*meeting,* ix-xita waqfet xi ftit, għalkemm waqt li kien għadu ma ntemmx bdiet nieżla mill-ġdid. Gie kkalkulat li attendew bejn 6000 u 8000 ruħ. Fuq il-palk tal-kelliema, ġie rrapurtat li kien hemm diversi kappillani u membri tal-kleru, bħala rappreżentanti tal-parroċċi tagħhom. Flimkien ma' rappreżentanti ta' xi Għaqdiet oħra, minn fost il-każini tal-banda issemmew li kienu preżenti il-Banda La Valette tal-Belt, id-Duke of Edinburgh tal-Birgu, is-San Giorgio ta' Bormla u d-De Rohan ta' Ħaż-Żebbuġ.(15)

Min jaf kemm sitwazzjonijiet simili, mhux bilfors b'xamma politika, sabu ruħhom fihom membri fil-kumitati tal-każini tal-banda, minn dak iż-żmien 'l hawn. Iżda b' fortuna, xorta waħda baqgħu jinstabu nies ġenerużi, lesti jissagrifikaw lilhom infushom u jiffaċċjaw b'kuraġġ sitwazzjonijiet ta' nkwiet, biex il-każini tal-banda baqgħu sħaħ u jkunu sors importanti fl-iżvilupp soċjali u kulturali fl-ibliet u l-irħula tagħna.

**Referenzi**


[1] H.Ganado, *Rajt Malta Tinbidel,* Malta 1977, Vol. I, p.194.
[2] *Malta e Sue Dipendenze,* 22 Giugnio 1904.
[3] *Ibid,* u ħarġiet suċċessivi.
[4] *Ibid,* 12,22,25,27 Luglio, 1 Agosto 1904.
[5] *Ibid,* 22 Luglio 1904
[6] Arkivju Soċjetà Prince of Wales, *Minuti Seduti tal-Kumitat 1900-1904*
[7] *Malta e Sue Dipendenze,* 1 Agosto 1904.
[8] *Idem*
[9] Arkivju Nazzjonali, *CSG O1, LG2357/1904.* (mhux paġnat)
[10] *Ibid*
[11] *Ibid*
[12] *Malta Tagħna,* 6 ta' Awissu 1904.
[13] *Malta e Sue Dipendenze,* 27 Luglio 1904.
[14] *Ibid.,* 30 Luglio 1904.
[15] *Ibid.,* 17 Ottobre 1904.



